

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem iċ-CPVO**

*Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell.

*Dritt ikkonċernat:* ċertifikat ta' varjetà ta' pjanta li jkopri l-varjetà ta' tuffiegħ "PINOVA" – Ċertifikat Nru 1298

*Proċedimenti quddiem iċ-CPVO:* proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell taċ-CPVO tas-16 ta' Awwissu 2017 fil-Każ A005/2016.

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna liċ-CPVO għall-ispejjeż.

**Motiv invokat**

- Ksur tad-dispożizzjonijiet ikkunsidrati flimkien tal-Artikolu 20(1)(a), tal-Artikolu 10 u tal-Artikolu 16(1) tar-Regolament Nru 2100/94.

---

**Rikors ippreżentat fit-23 ta' Novembru 2017 – Eglo Leuchten vs EUIPO – Di-Ka (Disinn għad-dwal)**

**(Kawża T-766/17)**

(2018/C 022/76)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Eglo Leuchten GmbH (Pill, l-Awstrija) (rappreżentant: H. Lauf, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Di-Ka Vertriebs GmbH & Co. KG (Arnsberg, il-Ġermanja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Proprjetarju tad-disinn kontenzjuż:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Disinn kontenzjuż ikkonċernat:* id-disinn tal-Unjoni Ewropea Nru 2 435 768-0033

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-26 ta' Settembru 2017 fil-Każ R 738/2016-3

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motiv invokat**

- Ksur tal-Artikolu 6(1)(b) u tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament Nru 6/2002.
-